MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2008

Citazzjoni Numru. 260/2008

**Avukat Dottor Peter Fenech bhala mandatarju specjali tas-socjeta` estera Sony Corporation u tas-socjeta` estera Sony Ericsson Mobile Communications AB.**

**vs.**

**Dr. Renzo Porsella-Flores u l-P.L. Liliana Buhagiar li b'digriet tal-4 ta' April 2008 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti socjeta` esportattrici YIWU CHINA SMALL COMMODITIES CITY TRADING CO LTD u lill-kunsinjatarju SARL LES FRERES HADDAD IMPORT EXPORT.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta’ l-Avukat Dottor Peter Fenech bhala mandatarju specjali tas-socjeta` estera Sony Corporation u Sony Ericsson Mobile Communications AB datat 17 ta’ Marzu 2008 a fol. 1 tal-process fejn espona: -

Illi s-socjeta` rikorrenti Sony Corporation hija l-proprjetarja tad-drittijiet registrati bhala *Community Trademarks* u *Community Designs*, ma’ l-*Office for Harmonization in the Internal Market* ta’ l-Unjoni Ewropea: il-kelma ‘SONY’, liema dritt gie registrat l-ewwel darba fis-sebgha u ghoxrin (27) ta’ Lulju 1998 u moghti n-numru ta’ registrazzjoni CTM 000000472 (Dok. “SC1”).

Illi s-socjeta` rikorrenti Sony Ericsson Mobile Communications AB hija l-proprjetarja tad-drittijiet registrati bhala *Community Trademarks* u *Community Designs*, ma’ l-*Office for Harmonization in the Internal Market* ta’ l-Unjoni Ewropea: (a) s-simbolu msejjah ‘LIQUID IDENTITY’, liema dritt gie registrat l-ewwel darba fis-27 ta’ Marzu 2002 u moghti n-numru ta’ registrazzjoni E2634632 (Dok. “SEMC 1”); (b) l-kelma ‘ERICSSON’ liema dritt gie registrat l-ewwel darba fit-13 ta’ Jannar 2000 u moghti n-numru ta’ registrazzjoni 001459130 (Dok. “SEMC 2”) mis-socjeta` estera Telefonaktiebolaget L M Ericsson u li awtorizzat lis-socjeta` attrici Sony Ericsson Mobile Communications AB sabiex tipprocedi kontra kull vjolazzjoni tad-dritt ta’ proprjeta` ntelletwali skond l-affidavit datat 14 ta’ Novembru 2006 (Dok. “SEMC 3”);

Illi fit-tmintax (18) ta’ Frar tas-sena elfejn u tmienja (2008) r-rikorrenti *nomine* gie nfurmat mill-Kontrollur tad-Dwana illi waqt l-iskrutinji tieghu gewwa l-Port Hieles, Marsaxlokk, Malta, huwa kien issospenda r-rilaxx tal-*container* bin-numru UESU 2265537 li dahal gewwa l-Port Hieles fuq il-vapur CMA CGM LYS liema *container* kien fih: (a) total ta’ tlett elef u sitt mitt (3,600) accessorju tal-*mobiles* senjatament sitt mija (600) *mobile phone covers* u tlett elef (3000) *headsets* (Dok. “SC2”) kollha bil-marka SONY anke fuq l-istess ippakkeggjar tal-accessorji tal-*mobiles*; u (b) total ta’ sbatax-il elf (17,000) accessorju tal-*mobiles* senjatament elfejn (2,000) *covers*, sebat elef u sitt mija (7,600) *chargers* u tmient elef (8,000) *headsets* (Dok.

“SEMC4”) kollha bis-simbolu msejjah ‘LIQUID IDENTITY’ u bil-kelma ‘ERICSSON’ anke fuq l-istess ippakkeggjar tal-accessorji tal-*mobiles*, u li *prima facie* dehru lill-Kontrollur tad-Dwana li dawn jikkontravjenu dritt ta’ proprjeta` intellettwali;

Illi mill-kampjuni li ttiehdu mir-rikorrenti *nomine* jirrizulta li l-accessorji tal-*mobile* nkluz l-ippakkeggjar ta’ l-istess accessorji hawn qabel indikati u mizmuma taht l-awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana huma fil-fatt kontrafazzjonijiet ghar-raguni li: fir-rigward ta’ l-accessorji Sony, fihom il-kelma ‘SONY’ u kienu gew manifatturati u esportati minghajr l-awtorizzazzjoni ta’ Sony Corporation, u ghalhekk jikkontravvjenu d-drittijiet ta’ proprjeta ntellettwali ta’ Sony Corporation; u fir-rigward ta’ l-accessorji Sony Ericsson, fihom is-simbolu msejjah ‘LIQUID IDENTITY’ u l-kelma ‘ERICSSON’ u kienu gew manifatturati u esportati minghajr l-awtorizzazzjoni ta’ Sony Ericsson Mobile Communications AB, u ghalhekk jikkontravvjenu d-drittijiet ta’ proprjeta` ntellettwali ta’ Sony Ericsson Mobile Communications AB;

Illi r-rikorrenti *nomine* talab lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex jiddetjeni l-merkanzija suspettata gewwa Malta (Doks “PF1”) sabiex *a tenur* ta’ l-artikolu 7 tal-Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta’ Malta huwa jipprocedi civilment ghall-decizjoni dwar in-natura tal-merkanzija detenuta;

Illi din il-merkanzija nqabbdet mill-Port Hieles ta’ Malta u l-Kontrollur tad-Dwana jaf li l-kunsinjatarju tal-merkanzija huwa SARL LES FRERES HADDAD IMPORT EXPORT minn Algiers f’ Algeria u dan skond dak citat fil-polza ta’ taghbija numru GZ2198165 (Dok. “PF2”);

Illi, l-azzjonijiet tal-intimati jiksru d-disposizzjonijiet ta’ l-artikolu 4 tal-Kap 414 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif ukoll ta’ l-artikolu 10(2)(b) ta’ l-Att Dwar it-*Trademarks* (Kap 416) u huma azzjonabbli b’applikazzjoni tad-disposizzjonijiet rilevanti ta’ l-artikoli 14-19 tal-istess Kap 416 u l-artikoli 7 u 8 ta’ l-istess Kap 414;

Illi s-socjetajiet rikorrenti ghandhom kull interess li jippromwovu din l-azzjoni gudizzjarja sabiex jikkawtelaw u jenforzaw l-jeddijiet taghhom;

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lis-socjeta` konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti f’ accessorji tal-*mobile* li fuqhom u fuq l-ippakkeggjar hemm l-kelma ‘SONY’ u accessorji tal-*mobile* li fuqhom hemm is-simbolu msejjah ‘LIQUID IDENTITY’ u l-kelma ‘ERICSSON’ u li jinsabu prezentement taht l-awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien issospenda r-rilaxx tal-*container* bin-numru UESU 2265537 kontenenti l-imsemmija accessorji tal-*mobile*, huma kontrafatti u jikkontravjenu d-drittijiet ta’ proprjeta` ntellettwali tas-socjeta` rikorrenti Sony Corporation, fir-rigward tat-*trademark* taghha: il-kelma ‘SONY’, liema dritt gie registrat l-ewwel darba fis-sebgha u ghoxrin (27) ta’ Lulju 1998 u moghti n-numru ta’ registrazzjoni CTM 000000472 (Dok SC1); u tas-socjeta` rikorrenti Sony Ericsson Mobile Communications AB, fir-rigward tat-*trademarks* taghha: s-simbolu msejjah ‘LIQUID IDENTITY’ moghti n-numru ta’ registrazzjoni E2634632 (Dok SEMC1); u l-kelma ERICSSON liema dritt gie registrat l-ewwel darba fit-13 ta’ Jannar 2000 u moghti n-numru ta’ registrazzjoni 001459130 (Dok SEMC2), u dan okkorrendo bin-nomina ta’ esperti nominati ghal dan il-fini;”

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali accessorji tal-*mobile* ‘l hinn mill-kanali tal-kummerc b’dak il-mod li jipprekludu xi hsara lis-socjeta` rikorrenti, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi dawk l-accessorji tal-*mobile*, f’kull kaz minghajr ebda kumpens lil u a spejjez ta’ l-intimati;

3. Tordna li l-intimati ghandhom ibatu l-ispejjez kollha konnessi mal-mizuri ordnati *ai termini* tat-tieni u t-tielet talbiet tas-socjetajiet rikorrenti, inkluzi dawk tat-trasport ta’ l-imsemmija accessorji tal-*mobile* ghall-hazna f’Malta qabel id-distruzzjoni eventwali taghhom, tal-hazna stess, tat-*tallying* u tal-ispejjez kollha dovuti lill-Kontrollur tad-

Dwana mill-bidu tal-proceduri, kif ukoll tat-trasport mil-lok tal-hazna ghal-lok eventwali ta' distruzzjoni nkluz l-ispejjez kollha nkorsi ghad-distruzzjoni finali ta' l-istess accessorji tal-*mobile*.

Bl-ispejjez kontra l-intimati li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tar-rikorrenti *nomine* a fol. 4 u 5 tal-process.

Rat il-lista tax-xhieda tar-rikorrenti *nomine* u d-dokumenti annessi u mmarkati kif jidher minn fol. 5 sa fol. 27 tal-process.

Rat ir-rikors ta' l-Avukat Dr. Peter Fenech *nomine* datat 17 ta' Marzu 2008 a fol. 31 tal-process fejn is-socjeta' rikorrenti talbet in-nomina ta' kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-intimati fl-atti tar-rikors fuq imsemmija u fl-atti l-ohra kollha relevanti u sussegwenti u tordna li bil-Bandu tigi notifikata l-imsemmija socjeta`. Il-Qorti kif hekk presjeduta nnominat lill-Avukat Dr. Renzo Porsella-Flores u lill-Prokuratur Legali Doreen Aquilina bhala kuraturi ghall-finijiet kollha tal-ligi, u dan bid-digriet moghti fl-4 ta' April 2008 kif jidher a fol. 32 tal-process.

Rat li dan ir-rikors guramentat gie appuntat ghas-smigh minn din il-Qorti kif attwalment presjeduta biex jinstema' fis-seduta tas-27 ta' Mejju 2008, b'dan illi l-Qorti ordnat lis-socjeta` rikorrenti sabiex sa zmien tletin (30) gurnata minn dak inhar stess tipprezenta l-affidavits taghha u tax-xhieda minnha ndikati, li jistghu jsiru bil-procedura ta' l-affidavit, bid-dokumenti kollha relattivi, bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensuri tal-kontro-parti u b'riserva ta' kontro-ezami.

Rat ir-risposta mahlufa ta' l-intimati *nomine* datata 9 ta' Mejju 2008 a fol. 38 tal-process fejn eccepew:-

Illi huma ma jafu xejn bil-fatti li wasslu ghall-kawza izda jekk jinghataw taghrif biex jaqblu ma' l-intimati li ghalihom inhatru biex jidhru, huma jaghmlu l-almu taghhom biex

jigbru t-taghrif mehtieg halli l-kawza tkun kontestata kif imiss.

Rat il-lista tax-xhieda tal-intimati a fol. 38 tal-process.

Rat ir-rikors ta’ l-Avukat Dr. Peter Fenech *nomine* datat 14 ta’ Mejju 2008 a fol. 40 tal-process fejn l-esponenti talab lil din l-Onorabbli Qorti tordna li l-ewwel talba li hemm f’pagna 3 fir-rikors guramentat tal-kawza odjerna jithassru l-kliem “ECMU 9366180” u minflok jigi mnizzel “UESU 2265537”; u l-Qorti laqghet it-talba bid-digriet taghha moghti fil-15 ta’ Mejju 2008 kif jidher a fol. 42 tal-process.

Rat in-nota tar-rikorrent *nomine* datata 14 ta’ Mejju 2008 fejn ipprezenta zewg affidavits (Dok. “PF3” u PF4”) u Dok. “PF5” li huwa kopja tar-rapport, kollox kif jidher minn fol. 43 sa fol. 47 tal-process.

Rat ir-rikors ta’ l-Avukat Dr. Renzo Porsella-Flores *nomine* datat 20 ta’ Mejju 2008 a fol. 50 tal-process fejn l-esponenti talab lill-Onorabbli Qorti joghgobha tordna li l-P.L. Liliana Buhagiar tinhatar biex tghin lill-esponenti minflok l-imsemmija P.L. Doreen Aquilina, u l-Qorti rat li tali talba mhix opposta, u laqghet it-talba bid-digriet taghha moghti fit-22 ta’ Mejju 2008.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fis-27 ta’ Mejju 2008 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr. Rita Mifsud ghall-attur li pprezentat nota b’zewg dokumenti u ddikjarat li m’ ghandhiex aktar provi. Dr. Renzo Porsella-Flores imsejjah diversi drabi baqa’ ma deherx. Il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ta’ ostakolu ghas-26 ta’ Gunju 2008.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi mill-provi prodotti nkluzi d-dokumenti esebiti mar-rikors promotoru u mill-affidavits ta’ Dr. Peter Fenech u ta’ George Agius (14 ta’ Mejju 2008) jirrizulta li fil-*container*

is-socjeta’ attrici giet infurmata mill-Kontrollur tad-Dwana illi waqt l-iskrutinji tieghu gewwa l-Port Hieles, Marsaxlokk, Malta, huwa kien issospenda r-rilaxx tal-*container* bin-numru UESU 2265537 li dahal gewwa l-Port Hieles fuq il-vapur CMA CGM LYS fit-18 ta’ Frar 2008 liema *container* kien fih (a) total ta’ tlett elef u sitt mitt (3,600) accessorju tal-*mobiles* senjatament sitt mija (600) *mobile phone covers* u tlett elef (3000) *headsets* (Dok. “SC2”) kollha bil-marka SONY anke fuq l-istess ippakkeggjar tal-accessorji tal-*mobiles*; u (b) total ta’ sbatax-il elf (17,000) accessorju tal-*mobiles* senjatament elfejn (2,000) *covers*, sebat elef u sitt mija (7,600) *chargers* u tmient elef (8,000) *headsets* (Dok. “SEMC4”) kollha bis-simbolu msejjah ‘LIQUID IDENTITY’ u bil-kelma ‘ERICSSON’ anke fuq l-istess ippakkeggjar tal-accessorji tal-*mobiles*, u li *prima facie* dehru lill-Kontrollur tad-Dwana li dawn jikkontravjenu dritt ta’ proprjeta` intellettwali u d-drittijiet tas-socjetajiet attrici kif lilhom appartententi skond ir-rikors guramentat u d-dokumenti annessi mieghu (Dok. “SEMC 1” sa Dok. “SEMC 3”). Fil-fatt mill-ezami li ghamlu l-istess socjetajiet atttrici jirrizulta fil-fatt li l-istess oggetti hekk mizmuma kienu fil-fatt kontrafatti kif jirrizulta mir-rapport datat 24 ta’ Marzu 2008 u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha skond il-ligi citata fl-istess rikors guramentat mertu tal-kawza odjerna.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati inkwantu l-istess huma b’xi mod inkompatibbli ma’ l-istess, **tilqa’ t-talbiet attrici fis-sens hawn deciz** b’dan illi:-

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti f’accessorji tal-*mobile* li fuqhom u fuq l-ippakkeggjar hemm il-kelma ‘SONY’ u accessorji tal-*mobile* li fuqhom hemm is-simbolu msejjah ‘LIQUID IDENTITY’ u l-kelma ‘ERICSSON’ u li jinsabu prezentement taht l-awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien issospenda r-rilaxx tal-*container* bin-numru UESU 2265537 kontenenti l-imsemmija accessorji

tal-*mobile*, huma kontrafatti u jikkontravjenu d-drittijiet ta' proprjeta` ntellettwali tas-socjeta` rikorrenti Sony Corporation, fir-rigward tat-*trademark* taghha: il-kelma 'SONY', liema dritt gie registrat l-ewwel darba fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Lulju 1998 u moghti n-numru ta' registrazzjoni CTM 000000472 (Dok SC1); u tas-socjeta` rikorrenti Sony Ericsson Mobile Communications AB, fir-rigward tat-*trademarks* taghha: s-simbolu msejjah 'LIQUID IDENTITY' moghti n-numru ta' registrazzjoni E2634632 (Dok SEMC1); u l-kelma ERICSSON liema dritt gie registrat l-ewwel darba fit-13 ta' Jannar 2000 u moghti n-numru ta' registrazzjoni 001459130 (Dok SEMC2).

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li fi zmien qasir u perentorju ta' sittin (60) il-gurnata mid-data ta' din is-sentenza jiddistruggi dawk l-accessorji tal-*mobile*, f'kull kaz minghajr ebda kumpens lil u a spejjez ta' l-intimati;

3. Tordna li l-intimati jhallsu l-ispejjez kollha konnessi mal-mizuri ordnati *ai termini* tat-tieni u t-tielet talbiet tas-socjetajiet rikorrenti, inkluzi dawk tat-trasport ta' l-imsemmija accessorji tal-*mobile* ghall-hazna f'Malta qabel id-distruzzjoni eventwali taghhom, tal-hazna stess, tat-*tallying* u tal-ispejjez kollha dovuti lill-Kontrollur tad-Dwana mill-bidu tal-proceduri, kif ukoll tat-trasport mil-lok tal-hazna ghal-lok eventwali ta' distruzzjoni nkluz l-ispejjez kollha nkorsi ghad-distruzzjoni finali ta' l-istess accessorji tal-*mobile*.

Bl-ispejjez kontra l-intimati b'dan li l-kuraturi deputati jithallsu skond il-ligi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------